**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 53 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**John Paul Farrugia**

**Illum 23 ta' Mejju, 2023,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, John Paul Farrugia detenur tal-karta tal-identita Maltija 54395 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Ottubru, 2021, ghall-habta ta' 07:39hrs fi Triq Hammieri, Hal Qormi soqt vettura numru ta' registrazzjoni GBO843: b'

1) B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt hruq, jew għamilt

xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga, minhabba f' hekk Giacchino Morsciato batgha offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta kif iccertifika Dr. Nicola Lanfranco MD mill-MDH;

2) Soqt l-imsemmija vettura b' manjiera bla kont;

3) Soqt l-imsemmija vettura b' manjiera traskurata;

4) Soqt l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza;

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-prosekuzzjoni talbet ukoll li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-18 ta' Jannar, 2023, fejn il-Qorti ddeċidiet fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2023 illi ma' laqatx it-talba għal differiment tal-Prosekuzzjoni sabiex terga tittenta ressqet lix-xhud taħt mandat ta' akkumpanjament.

Fin-nuqqas assolut ta' xhieda l-Qorti għalhekk ma' setatx ħlief tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Paul Farrugia, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Frar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tiddisponi mill-kaz skont il-liġi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant John Paul Farrugia li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**L-Aggravju: -**

Illi fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta ghoxrin (2023) il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta nota li kien bi hsiebu jappella u sussegwentement fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) l-Avukat Generali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat b'tali sentenza;

Illi primarjament, l-esponent tigbed l-attenzjoni illi filwaqt li l-Artikolu 414(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> *414.(1) Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiza notifikata bl-avviż tal-ewwel smigh jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fis-subartikoli (4) u (5) tal-artikolu 410, mhux aktar tard minn erbat (4) ijiem tax-xogħol mill-għoti ta' dik is-sentenza, tagħti access lill-Avukat Generali bil-mezzi elettronici, permezz tar-registratur, fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol minn dakinhar tat-talba, għal kopja skenjata tas-sentenza flimkien ma' kopja skenjata tal-atti tal-kawża u max-xhieda, jekk din tkun tnizżlet bil-miktub.'*

U ghalkemm l-esponent Avukat Generali rcieva kopja skenjata tal-istess wara t-tlett (3) ijiem tax-xoghol imsemmija fl-istess Artikolu, dan bl-ebda mod ma jimpingi fuq il-fakulta li l-istess Avukat Generali jappella mill-istess sentenza.

Illi dan gie konfermat fil-gurisprudenza nostrana fosthom fil-kaz Il-Pulizija vs Joseph Deguara deciz nhar l-20 t' April 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill Onor. Imhallef David Scicluna fejn wiched isib:

*Din il-kwistjoni diga` giet sollevata u deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta diversi drabi. L-ewwel darba li jidher li giet investigata din il-kwistjoni kien fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles sive Carmelo Spiteri deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Marzu 1983. Fuq l-iskorta ta' dik is-sentenza, din il-Qorti tara li ma hemm ebda nullita` f'dan il-kaz. F'dik is-sentenza gie ritenut li, purche li l-Pulizija jipprezentaw in-nota fiz-zmien moghti lilhom u purche li l-Avukat Generali jipprezenta r-rikors fi zmien tmint ijiem utili (tnax-il jum utili fil-kaz ta' appelli minn Ghawdex) minn dak inhar li hu jircievi l-atti, **l-istess Avukat Generali m'għandux jigi penalizzat minhabba li r-Registratur, li ma huwiex parti fil-kawza, ma jkunx osserva t-termini imposti fuqu bil-ligi.'***

Fil-kaz in ezami, il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta n-nota tieghu entru t-terminu ta' erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza, filwaqt li l-Avukat Generali se jipprezenta r-rikors ta' appell entru t-terminu ta' tnax il-jum tax-xoghol minn dak inhar li rcieva l-atti;

Illi sollevat dan il-punt, l-esponent ha tindirizza l-aggravvju minnha sollevat fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet premesssi moghtija mill-Ewwel Qorti;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-imputat primarjament wara li naqas li jidher l-allegat vittma tal-kaz u cioe x-xhud primarju tal-Prosekuzzjoni;

Illi ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha kull interess u l-obbligu tara li proċeduri sommarji ma jitwalux inutilment, minn naħa l-oħra ma jfissirx li għax fl-imsemmija seduta, ma deherx il-parti offiza, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tghaddi sabiex tillibera lill-imputat;

**Ikkunsidrat,**

Illi harsa lejn l-atti tal-kaz odjern, wiehed jara li l-ewwel seduta kienet nhar id-19 t' April, 2022, quddiem il-Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace, fejn dakinhar l-Onorabbli Magistrat astjeniet ruhha milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u dan wara rikors illi sar mill-avukat tal-parti offiza minhabba parentela tal-istess avukat mal-istess Magistrat liema talba kienet giet milqughha nhar it-12 t' April, 2022;

Illi sussegwentament il-kaz gie assenjat quddiem l-Onorabbli Magistrat Dr. Victor Axiaq. Dakinhar il-*parte civile* ma kienx deher u kien deher ghall-parte civile Dr. Simon Micallef Stafrace, u l-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li rat li l-prosekuzzjoni qdiet dmirha u anke ghax numru ta' kawzi huma prosegwibbli ex-officio, laqat it-talba tal-prosekuzzjoni ghal differiment sabiex jixhed dan ix-xhud b' dana li ghas-seduta li jmiss jingab b' mandat t' akkumpanjament;

Illi s-seduta li jmiss kienet iffissata ghal nhar it-18 ta' Jannar, 2023. Illi dakinhar xehed PC 2029 Jurgen Zerafa dwar il-mandat t' akkumpanjament ta' Giacchino Morsciato li sahaq li meta mar biex jesegwixxi l-mandat t' akkumpanjament ta' Giacchino Morsciato, ma sabuhx hemm u malli cemplulu, Giacchino Morsciato qal lill-Pulizija li kien jinsab imsiefer u li kien se jirritorna Malta l-ghada u cioe' fid-19 ta' Jannar, 2023. Illi a bazi ta' dan kollu il-prosekuzzjoni talbet differiment sabiex jittalla x-xhud parte civile msemmi, liema talba sabet oggezzjoni mid-difiza, u l-Ewwel Onorabbli Qorti, filwaqt li rat li l-prosekuzzjoni wettqet dmirha u li allura ordinarjament kien ikollha dritt ghal talba ghal differiment sabiex ittella lix-xhud taghha, l-Ewwel Qorti sahqet li gialadarba fit-12 t' Ottubru, 2022, deher Dr. Simon

Micallef Stafrace ghall-istess parte civile, il-parte civile kellu ragionevolment ikun jaf bid-data tal-istess seduta u hasset li allura l-parte civile ma ghadx ghandu interess f' din il-kawza u għaldaqstant cahdet it-talba ghal differiment sabiex jittella l-istess xhud, u ghaddiet sabiex tillibera lill-imputat minn kull akkuza u htija wara li rat li ma hemmx provi bizzejjed sabiex issib htija stante nuqqas li jixhed il-parte civile;

Illi, fil-fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta ghaddiet ghas-sentenza taghha u lliberat lill-imputat minn kull akkuza u htija wara li rat li ma hemmx provi bizzejjed sabiex issib htija stante nuqqas li jixhed il-parte civile. Dana qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-parti leza, fil-procediment odjern, kien sempliciment xhud tal-Prosekuzzjoni u xhud li ghalkemm naqas li jidher, dan ma kienx minhabba xi nuqqas attribwibbli min-naha tal-prosekuzzjoni. *Se mai*, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha mezzi ohra sabiex taccerta li l-istess parte civile jidher ghas-seduti tal-proceduri odjerni;

Illi bid-dovut rispett, il-parte civile kienet indubjament xhud indispensabbli għas-success fil-proceduri fil-konfront tal-imputat, u għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha taggorna s-smiegh tal-kawza odjerna ghal data ohra u tiehu il-provedimenti necessarji sabiex tassigura l-attendenza tal-partijiet għas-seduta sussegwenti;

Illi f'dan ir-rigward irid jinghad ukoll illi minkejja l-fatt illi l-proceduri odjerni huma ta' natura sommarja u kwindi huwa rikonoxxut li tali kawza ma ghandhiex iddum tkaxkar inutilment, dan bl-ebda mod ma jimpedixxi l-Ewwel Onorabbli Qorti milli taggorna s-smiegh tal-kawza ghal data ohra u dana dejjem konsiderando r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja;

Illi wkoll, harsa lejn l-artikolu 377 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jitratta l-ghoti ta' sentenza f' kawza sommarja, jistipula li "*meta jinghalaq is-*

*smiegh tal-kawza, il-qorti, dakinhar stess, jekk jista jkun, tagħti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat*". Minn tali artikolu wiehed jara kif:

1) Jekk jista' jkun, is-sentenza għandha tinghata meta jinghalaq is-smiegh tal-kawza; u

2) Ma hemm l-ebda obbligu rigidu li l-Qorti ghandha taghti s-sentenza dakinhar stess li tinstema' l-kawza;

Illi fil-kaz **<u>il-Pulizija vs Clive Debono[1]</u>** deciza minn dina l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Imhallef J. Galea Debono ingħad li l-fatt li ma jidhirx xhud jew xhieda, ma tiggustifikax lill-Qorti tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli, u taqbad u tghaddi ghas-sentenza;

Illi di piu, u minghajr pregudizzju ghall-importanza tax-xhieda tal-parti offiza, ix-xhieda tal-parte civile ma kinitx l-unika xhieda u fil-fatt esebit in atti wiehed isib affidavits u dokumenti relatati mal-kaz odjem;

F' dan ir-rigward, ghandha ssir referenza ghall-artikolu 360A tal-Kodici Kriminali:

> *360A. (1) Fi proceduri sommarji għal reati li jaqghu taħt il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bħala qorti ta' gudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien mac-citazzjoni jew f'kull waqt li jigi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn ufficjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'ligi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriza, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici u li għandu jingieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni*

[1] Deciza nhar l-14 ta Settembru 2004

*f'dawk il-proceduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jingiebu bħala provi fl-istess proceduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il gurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javza b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra registrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titharrek biex tixhed fil-proċeduri:*

*Iżda għall-finijiet t * a' dan is-subartikolu il-kelma "dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558(2):*

*Izda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, fliema kaz il-persuna li għandu jsirilha l-kontro eżami għandha titharrek biex tixhed fisseduta li jkun imiss.*

*(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titharrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jongos milli jagħti avviż tal-ħsieb tieghu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut 'dak is-subartikolu u dak l-**affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bhallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.***

Illi fl-isfond ta' dan kollu li inghad hawn fuq, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment iccahhad lill-prosekuzzjoni minn prova tant indispensabbli, u cioe' l-parte civile, u sussegwentament tillibera lill-imputat minhabba nuqqas ta' provi.

Konsegwentement din il-Qorti qieghda sabiex ma tipprivax lill-appellant mid-dritt tieghu tad-doppio esame qieghda tannulla s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti u qieghda tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex l-appellat jitqieghed fi stadju quo ante qabel ma nghatat is-sentenza u dan bil-ghan li jigi gudikat mill-gdid.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**